MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 2165/1999/1

**Atlas Insurance Agency Ltd. agenti Malta tas-Socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited**

**vs**

**1. Seamalta Company Limited,**
**2. The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 7 ta' Ottubru 1999 fejn esponiet: -

Illi fid-9 ta' Settembru 1998 is-socjeta' Michael Attard Ltd. importat gewwa Malta fuq il-bastiment Fast Trader konsenja ta' vetturi Peugeot liema konsenja giet ikkonsenjata lill-assigurat tal-attur bid-danni u nuqqasijiet spjegati fid-Dok. A (*survey report*).

Illi *ai termini* tal-polza ta' Assigurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tad-danni li sofra u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat.

Illi l-attur jikkwantifika d-danni fil-merkanzija *de quo* fl-ammont ta' tliet mija u tliet liri u tmienja u sittin centezmu (Lm303.68) li maghhom jizdied l-ammont ta' sitta u hamsin lira (Lm56) bhala *survey fee* ghalhekk danni totali sofferti mill-attur fl-ammont ta' tliet mija u disgha u hamsin lira u tmienja u sittin centezmu (Lm359.68).

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni.

Jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex: -

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm359.68;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm359.68 bhala danni sofferti mill-attur li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-14 ta’ Marzu 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Sea Malta Company Limited datata 11 ta’ Frar 2000 (fol 20) fejn esponiet illi: -

1. Fl-ewwel lok li t-talbiet tal-atturi la huma fondati fil-fatt u lanqas fid-dritt;

2. Fit-tieni lok il-klawsola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati.

3. Fit-tielet lok li s-socjeta` konvenuta kkonsenjat mill-i*stores* taghha dak kollu li gie lilha konsenjat u fl-istat li rcevithom.

4. Fir-raba’ lok id-dekadenza ta' sena mid-data f' liema l-vapur vasal Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited datata 16 ta’ Frar 2000 (fol 28) fejn esponiet: -

1. IIli preliminarjament, I-azzjoni attrici hija preskritta *a tenur* tas-sub-incizi (a) u (b) taI-artikolu 65 ta' Att XVII taI-1991 li waqqaf I-Awtorita` Marittima ta' Malta.

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-vapur imsemmi fic-citazzjoni attrici, u cioe' Fast Trader li nghad li wasal Malta fid-9 ta' Settembru 1998, qatt ma wasal Malta f’din id-data;

3. Illi fit-tielet lok, ghandu jigi ppruvat li n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici sehhew waqt illi I-merkanzija mertu tal-vertenza odjerna kienet fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u s-supervizjoni tas-socjeta` konvenuta u li I-istess merkanzija giet ikkonsenjata lis-socjeta` konvenuta ezenti mill-istess nuqqasijiet;

4. Illi fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` konvenuta m' hijiex responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici *stante* li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mil-ligi;

5. Illi fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni dedotti fic-citazzjoni attrici huwa eccessiv u ghaldaqstant ghadu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont;

6. Illi fis-sitt lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda imghax ma hu dovut *stante* li s-socjeta` konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni, u li *si come* din *si tratta* ta' kawza ta' danni, il-likwidazzjoni tal-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali;

7. Illi ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, it-talbiet attrici, il-kwantu diretti kontra s-socjeta` konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' trattazzjoni tal-Avukat Claire Stafrace Zammit ghall-kumpanija the Cargo Handling Co Ltd dwar l-eccezzjoni taghha tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici; u t-trattazzjoni tal-Avukat Jacqueline Borg ghar-rigward tar-raba' eccezzjoni tal-kumpanija konvenuta Sea Malta Co. Ltd. (fol 73 et seq).

Rat li s-socjeta attrici ma ressqitx nota ta' sottomissjonijiet bi twegiba ghat-trattazzjoni registrata li saret fit-23 ta' Ottubru 2003.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta' Jannar 2013 quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Peress li l-Qorti kellha bzonn ftit aktar zmien biex taghti s-sentenza il-kawza giet differita ghall-31 ta' Jannar 2013. Aktar tard dehret Dr. Abigail Galea li nfurmat lill-Qorti li fil-mori tal-proceduri l-Cargo

Handling qieghed fil-proceduri ta’ stralc, u hi qed tidher bhala likwidatur, u hadet konjizzjoni ta’ dan il-verbal.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan il-kaz jittratta dwar talba mill-attur assikuratur li gie issurrogat fid-drittijiet tas-socjeta` *Michael Attard Limited* ghar-risarciment ta' hsarat li allegatament ingarrbu fuq konsenja ta' diversi vetturi tal-marka *Peugeot* li gew importati f'Malta fuq il- bastiment *Fast Trader*. L-istess socjeta` attrici indennizzat lill-assikurat taghha tad-danni li gew avverati minnha fil-merkanzija u b'hekk saret din il-kawza ghall-dikjarazzjoni ta' responsabbilta`, likwidazzjoni ta' danni u kundanna ghall-hlas.

Illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni giet issollevata *inter alia* mis-socjeta` konvenuta *The Cargo Handling Company Limited in limine* u cioe' li *"l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tas-sub-incizi* ***(a) u (b) tal-artikolu 65 tal-Att XVII tal-1991 li waqqaf l-Awtorita` Marittima ta' Malta***[1]***.***

Illi s-socjeta` konvenuta *Sea Malta Company Limited* wkoll *inter alia* eccipiet "*fir-raba' lok id-dekadenza ta' sena mid-data f'liema l-vapur wasal f'Malta*". B'nota ta' riferenzi pprezentata fil-5 ta' Novembru 2003[2] din is-socjeta` fissret li l-artikolu rilevanti ghar-raba' eccezzjoni taghha huwa l-paragrafu **6 tal-Artikolu III tal-Iskeda ghall-Att dwar il-Garr tal-Merkanzija fil-Bahar** (Kapitolu 140 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi li :

" *F'kull kaz il-vettural u l-bastiment ikunu mehlusin minn kull responsabbilta` dwar telf jew hsara kemm-il darba ma ssirx kawza fi zmien sena mill-kunsinna tal-merkanzija jew mid-data meta l-merkanzija jkun imissha giet ikkunsenjata."*

Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha qabel kollox tiddeciedi jekk l-azzjoni odjerna hijiex preskritta skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 65 (a) u (b)** tal-Att Dwar L-Awtorita` Marittima u **tal-paragrafu 6 tal-Artikolu III** tal-Iskeda ghall-Att dwar il-Garr tal-Merkanzija fil-Bahar (Kapitolu 140 tal-Ligijiet ta' Malta).

---

[1] Kap.352 tal-Ligijiet ta' Malta
[2] Fol. 77 tal-process

Illi l-istess artikolu tal-Att 65 sub-incizi (a) u (v) tal-Att Dwar l-Awtorita` Marittima jipprovdi li:-

*“Minkejja d-disposizzjonijiet ta’ kull ligi ohra, ma tista’ tittiehed ebda azzjoni kontra l-Awtorita` jew kuntrattur dwar ir-responsabbiltajiet taht dan l-Att, jew ghal xi telf jew hsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oggetti, vetturi, jew hwejjeg ohra huma x’inhuma abbord bastiment kemm-il darba:*

*(a) talba bil-miktub, li taghti dawk il-partikolaritajiet li jistghu jkunu b’mod xieraq mehtiega, ma tinghatax lill-Awtorita` jew lill-kuntrattur, skont il-kaz, mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oggetti kienu accettati mill-Awtorita` jew il-Kuntrattur taghha;*

*(b) l-azzjoni ma tinbedhiex fi zmien tnax-il xahar mill-imsemmija data:*

*Izda l-Awtorita` jew il-kuntrattur, skont il-kaz, jista’ jestendi z-zmien specifikat fil-paragrafu (a) b’dak iz-zmien l-iehor ta’ mhux izjed minn sitt xhur li jidrilha xieraq jekk tkun sodisfatta li t-talba ma setghetx issir b’mod xieraq fiz-zmien specifikat kif intqal qabel.*

*Izda wkoll l-Awtorita` jew il-kuntrattur, skont il-kaz, ma jkunux responsabbli ghal aktar mil-limiti jew mill-ammonti stabbiliti b’ligi, jew f’dawk ic-cirkostanzi li jistghu jkunu preskritti”.*

Illi jinghad li l-istess socjeta` konvenuta hija maghrufa li hija l-kuntrattur tal-Awtorita` Marittima skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 352**,** fejn l-Awtorita` hija awtorizzata mil-ligi sabiex tiddelega wahda jew izjed mill-funzjonijiet taghha lill-kuntrattur jew persuna ohra li maghha jkollha ftehim, tant li **artikolu 2 tal-istess Kap 352** jiddefinixxi bhala *“kuntrattur”* bhala *“persuna li tagixxi bis-sahha ta’ ftehim li taghmel mal-Awtorita` skont l-*

*artikolu 8 (3)"*[3]. Ghalkemm is-socjeta` konvenuta ma ressqet l-ebda prova biex turi li hija fil-fatt kuntrattur kif fuq inghad, lanqas il-kumpanija attrici ma ressqet ebda sottomissjoni dwar din din l-inferenza li bil-fors ghandha tigi dedotta mill-fatt stess li l-*Cargo Handling Company Limited* strahet fuq din l-eccezzjoni.

Illi ghalhekk jidher li abbazi tal-**artikolu 65 tal-Att dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta** l-preskrizzjoni hemm indikata tapplika ghall-kaz *de quo stante* li tali disposizzjoni tapplika anke *vis-à-vis* il-kuntrattur *"dwar ir-responsabbiltajiet taghhom taht dan l-att"* li certament jinkludu l-hazna tal-istess merkanzija.

Illi gie determinat li t-terminu stabbilit f'dan l-Att hu wiehed ta' dekadenza u ma jistax jigi nterott b'ittra ufficjali.[4] Fil-fatt gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta li *"Jidher li iz-zmien imsemmi fl-artikolu 65 tal-Kap 352 huwa wiehed legali u perentorju, u ghalhekk ma jistax jigi mtawwal, imgedded jew imwaqqaf b'att gudizzjarju li s-soltu jkun tajjeb biex iwaqqaf iz-zmien milli jghaddi kontra l-kreditur. Jizdied jinghad li, bhala terminu legali jew gudizzjarju,* iz-zmien imsemmi fl-artikolu 65 ma jistax jinbidel mill-Qorti bhalma jista' jsir fil-kaz ta' terminu gudizzjali[5]."(Prim'Awla per Mhallef J.R. Micallef fil-kaz *Atlas Insurance Agency Ltd. noe -v- Sea Malta Company Ltd. et.Citazz. 1267/1999 deciza fit 3 ta' Gunju 2004.)*

Illi t-terminu ta' sena mill-kunsinna tal-merkanzija jew mid-data meta l-merkanzija missha giet ikkunsinjata (f'kaz ta' telf ta' merkanzija) stabbilita permezz tal-Att Dwar il-Garr tal-Merkanzija bil-Bahar huwa wkoll terminu ta' dekadenza.

Illi dan kollu premess ikkonsidrat li mill-fatti li johorgu mill-att ta' citazzjoni, fid-9 ta' Settembru 1998, il-kumpanija *Michael Attard Limited* gabet f'Malta konsenja ta' hamsa u

[3] Dan l-artikolu, kif del resto il-Kapitolu shih gie ammendat estensivament permezz tal-Att dwar l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta (Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta u dan l-artikolu citat gie ri-enumerat.
[4] Op.cit.
[5] App. Kumm. 6.7.1993 fil-kawza fl-ismijiet ***Tabone noe. v Mousu' pro et noe. (Kollezz. LXXVII.ii.244)***

ghoxrin (25) karozza tal-marka *Peugeot* fuq il-bastiment *Fast Trader* imhaddem mill-kumpanija Sea Malta Company Limited. Ic-citazzjoni giet ipprezentata fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena 1999 u cioe` iktar minn sena wara l-konsenja.

Illi izda jirrizulta li hemm konflitt manifest li jirrizulta mid-dokumenti esebiti mis-socjeta` attrici li juru data ghal kollox differenti minn dik imsemmija fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni, kif ukoll konflitt bejn dawn id-dati kollha u d-dokumenti esebiti mis-socjetajiet konvenuti.

Fil-fatt mill-polza ta' kariku annessa bhala Dokument "I" mac-citazzjoni stess, jirrizulta li din il-polza giet rilaxxjata fid-9 ta' Ottubru 1998, u cioe` wara d-data premessa fic-citazzjoni. Dan minnu nnifsu juri li d-data ndikata fic-citazzjoni hija skorretta ghaliex il-polza tal-kariku jigi rilaxxjat biex ikun prova ta' taghbija fuq il-bastiment u neccessarjament ikun anterjuri ghall- eventwali wasla tal-istess f'Malta.

Id-data imfissra fuq dokument bhal ma hija l-polza tal-kariku ma tistax tigi skartata facilment. Kif gja` gie ravvisat, dan id-dokument, il-polza tal-kariku, jikkostitwixxi prova ta' taghbija kif ahjar precizat fl-Artikolu 325 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta) li a propozitu jiddisponi li "*l-polza tal-karigu taghmel prova bejn il-partijiet kollha interessati fit-taghbija, kif ukoll bejniethom u l-assiguratur, bla hsara ghall-prova kontrarja."*

Huwa minnu li ma ntalbet ebda korrezzjoni ghac-citazzjoni mill-attur. Dwar dan jigi rilevat li mhux kull zball jista' jissewwa peress li l-ligi fl-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta timponi limitazzjoni fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti li takkorda l-korrezzjoni fejn din tkun tolqot "*fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kaz."* Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kaz ***Elizabeth Ann Calabrese -v- Ersilia Bigeni*** [6] *"kull bidla li ssir trid tkun bidla ta' xi dettall ta' xi haga marginali, incidentali, imma*

[6] App. Civ. deciza fit-12 ta' Dicembru 1994.

*mhux materja ta' sustanza jew li teffettwa s-sustanza*." Li kieku saret talba ghall-korrezzjoni, ikun utili li wiehed jirrileva li d-dicitura ta' dan l-artikolu inghatat tifsira iktar wiesa' bl-ammendi tas-sena 1995 peress li t-test legali introdott fil-kodici taghna jghid li "*sakemm is-sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il mertu tal-kawza.*" [7]

Kif gja` gie rilevat, l-attur ma ressaq ebda talba ghall-korrezzjoni, liema talba setghet issir f'kwalsiasi stadju tal-proceduri, sas-sentenza, kif wkoll wara li inghataw l-eccezzjonijiet, peress li hu risaput fil-gurisprudenza li "*ma jaghmilx differenza li l-korrezzjoni tkun intalbet wara li tkun giet moghtija l-eccezzjoni u wara li tkun intalbet il-liberazzjoni.*"[8]

Il-Qorti, izda ma thossx li l-fatt li ma tresqitx talba "*ad hoc*" ghall-korrezzjoni tad-data, f'dan il-kaz ghandha twassal ghall-prova "*sic et simpliciter*" li skada t-terminu perentorju stabbilit bid-disposizzjonijiet legali citati mill-abbli difensuri tal-konvenuti.

Fil-kaz in ezami, jirrizultaw diversi dati mill-atti u mill-provi izda din il-Qorti hija konvinta mill-assjem tad-dokumenti esebiti u mix-xhieda li l-konsenja mertu ta' din il-kawza ma sehhitx f'Settembru 1998 imma almenu fid-data ndikata fil-polza ta' kariku **(DOK I)** annessa mac-citazzjoni, bhala d-9 ta' Ottubru 1998. F'dan il-kaz, jirrizulta li l-azzjoni giet intavolata fit-terminu konsentit.

Il-kumpanija *Sea Malta Company Ltd.* esebiet polza ta' kariku datat il-11 ta' Settembru 1998 li izda, jsemmi l-bastiment *Fast Navigator* (**DOK A** a fol.23 tal-process). Wkoll din il-polza tirrigwarda hamsa u tletin (35) vettura tal-marka Peugeot li kellhom jigu kkonsenjati lid-ditta *Michael Attard Ltd.* It-*Tally sheet* esebit a fol. 25 jirreferi ghal din il-konsenja, kif *del resto*, jirreferi ghaliha x-xhud

---

[7] Ara wkoll *Anthony u Rose Micallef -v- Oliver Cachia* (App. Inf. per l-Imhallef Philip Sciberras dec. fis-17 ta' Novembru 2004 - Citazz . 474/1999)

[8] Pa per Imhallef A.J. Montanaro Gauci fil-kaz *Francis Buttigieg -v- Paul Laferla et.* deciz fit-28 ta' Jannar 1961.

Roger Satariano li fl-affidavit tieghu[9] ghamel riferenza ghad-data tas-16 ta' Settembru 1998 bhala d-data rilevanti u ghal vapur "Fast Navigator." Dawn il-provi ghalhekk ma jirreferux ghall-kaz in ezami.

Is-socjeta` konvenuta The *Cargo Handling Company Ltd* min- naha taghha, eccepiet fil-mertu li *"Fit-tieni lok, u minghajr pregiudizzju ghall-premess, il-vapur imsemmi fic-citazzjoni attrici, cioe` Fast Trader, li nghad li wasal Malta fid-9 ta' Settembru 1998 qatt ma wasal Malta f'din id-data"* *(*sottolinejar tal-Qorti). Din is-socjeta` ghalhekk qed tikkonferma li hemm zball fid-data ndikata fil-premessi tac-citazzjoni. Dan hu korroborat mix-xhieda tar-rappresentant taghha, **Peter Bonello,** li kkonferma li l-*Fast Trader* dahal fit-13/10/1998[10] u li l-vetturi damu gurnata mal-kumpanija li kien jirrapprezenta peress li l- *Gate pass out* jindika l-14/10/1998 bhala d-data relattiva ghall-konsenja lill-importatur.

Fil-fatt il-Qorti thoss li ghandha tirrileva li mid-dokumenti esebiti mal-att tac-citazzjoni huma ndikati l-granet bejn id-9 ta’ Ottubru 1998 (data ta' rilaxx tal-polza ta' kariku) u l-14 ta' Ottubru 1998 (data tal-*gate pass out).*[11] Il-kawza giet intavolata fis-7 ta' Ottubru 1999 u b'hekk fattwalment ma skadiex il-perjodu perentorju ta' sena stabbilit mid-diversi ligijiet fuq imsemmija.

Illi s-socjeta` *The Cargo Handling Company Ltd.* permezz tad-difensur taghha, ittrattat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u irrilevat li "*Skont ic-citazzjoni l-vapur Fast Trader dahal fid-9 ta' Settembru 1998, dakinhar stess il-kumpanija the Cargo Handling tkun hadet il-merkanzija."* u spjegat li mpostat l-eccezzjoni " *fuq ic-citazzjoni*".

Din wkoll hija t-tezi tas-socjeta` *Sea Malta Co. Ltd* [12]*.*

Illi din il-Qorti hija ghalhekk konfrontata b'konflitt bejn id-data dikjarata fic-citazzjoni, u fid-dikjarazzjoni, cioe` fl-att

[9] Fol. 58
[10] Fol. 65 tal-process
[11] **Dokumenti A sa I fil-process esebiti mac-citazzjoni.**
[12] Fol 74 et seq. tal-process.

gudizzjarju, u d-data li tohrog minn ezami tal-assjem tad-domumenti annessi, li mhumiex parti integrali tal-att tac-citazzjoni izda jikkostitwixxu prova attendibbli tad-data in ezami. F'dan il-kaz wkoll, jigi osservat li l-attur ma irrepetiex id-data fit-talbiet.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li d-dikjarazzjoni tad-data fil-premessi tac-citazzjoni kif ukoll fid-dikjarazzjoni guramentata ghandha titqies biss bhala parti mill-assjem tal-provi fil-kaz in ezami, li jista' jigi korroborat jew kontrastat minn provi ohra esebiti fil-kaz. Fil-fatt hekk gara u jidher car li d-data ndikata fic-citazzjoni mhix korretta minnhabba r-ragunijiet fuq dedotti.

Illi l-legislatur impona terminu ta' dekadenza ta' sena mid-data tal-konsenja tal-merkanzija jew mid-data li fiha l-oggetti kienu accettati mill-Awtorita` jew il-Kuntrattur taghha skont il-kaz. Jirrizulta anke mid-dokumenti esebiti mill-konvenut *The Cargo Handling Company Limited,* li d-data sehhet fit-13 ta' Ottubru 1998. Id-dokumenti esebiti mis-socjeta` Sea Malta Co. Ltd. ghandhom jigu skartati peress li jirrelataw ghall-vapur u taghbija ghal kollox differenti.

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li l-oneru tal-prova tal-preskrizzjoni jinkombi fuq min jissollevaha li, f'dan il-kaz, ma giex soddisfatt kif titlob il-Ligi, *multo magis* meta *si tratta* ta' perjodu ta' dekadenza. Hekk fil-kaz gie insenjat fis-sentenza **"Pasquale Bonello vs Matteo Grech"** (K.(P.V.) 9 ta' Jannar 1875) fejn gie ritenut li:-

*"La prescrizione e' una eccezione opposta alla azione, ed e' regola invariabile che il convenuto in questo caso diventa attore, spettando a lui di provare cio' che serve di fondamento alla sua eccezione - Chardon, Del dolo e della frode, Vol.I - Toullier Vol.4 para. 612".*

Fic-cirkostanzi, jirrizultaw mhux ippruvati l-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni issollevati mill-konvenuti, liema eccezzjonijiet ghalhekk qed jigu michuda.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad r-raba' eccezzjoni ta-socjeta` *Sea Malta Company Limited* u l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' *The Cargo Handling Company Limited,* u tordna li l-kawza titkompla fuq il-mertu.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjetajiet konvenuti fi kwoti ndaqs bejniethom.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------